# 32. Il-Kewkba ta’ Fl-Għaxija

Ja kewkba ta’ fl-għaxija! d-dehra tiegħek
tiġbor l-għasafar, tiġnor il-merħliet,
u ġġagħal lill-bidwi jżarma s-sienja u jerġa’
ġwejjed id-dar bil-bagħal u bil-moħriet.

Ja kewkba ta’ fl-għaxija! d-dehra tiegħek
lis-sajjied tibgħat barra bil-lampara,
toħroġ lill-friefet ta’ billejl mill-bejta,
u l-kokka tibgħat mal-firien tissara.

Ja lampa ta’ billejl! jalla ż-żejt tiegħek,
li qatt ma nħela mindu dhert fis-sema,
jissokta jnemnem ta’ kull jum u jdawwal
lil dawk li jidhru biex il-ħobż jinħema.